Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 484 APRIL 2017

## SILTA MILL- ITTRA PASTORALI TAR-RANDAN 2017
### TAL-ISQFIJIET TAGĦNA
### MONS CHARLES J. SCICLUNA, ARĊISQOF TA' MALTA
### U MONS MARIO GRECH, ISQOF T'GĦAWDEX

**Għajnuna lill-koppji Nsara**

Fid-dawl ta' dan il-kliem tal-Papa Franġisku f'Evangelii Gaudium, bil-Malti Il-Ferħ tal-Evanġelju, aħna l-Isqfijiet tajna lis-saċerdoti tagħna sensiela ta' kriterji biex ikunu jistgħu jgħinu lill-koppji li qegħdin f'sitwazzjoni kumplessa, fil-ħajja jew taż-żwieġ jew dik ta' flimkien. Aħna l-Isqfijiet m'aħniex nagħtu l-permess lil xi kategorija ta'nies li jitqarbnu mingħajr ma jagħmlu proċess ta' dixxerniment.

Bl-ebda mod ma rridu nnaqqsu mill-qawwa tal-Evanġelju tal-Mulej fuq il-familja u fuq iż-żwieġ. Qalb waħda mal-Papa, aħna l-Isqfijiet nixtiequ nwasslu l-qalb tal-Knisja lil kull wieħed u waħda minnkom, lil kull wieħed u waħda minn ħutna li jinsabu f'sitwazzjoni diffiċli. Is-saċerdot, f'isimna u f'isem il-Knisja, la jaħbi l-kelma ta' Ġesù u lanqas jonqos milli jwassal il-qalb mimlija ħniena tal-Mulej.

It-tentazzjonijiet li semmejna, aħna u nsegwu t-tagħlim tal-Papa, jgħoddu għal kulħadd, jgħoddu wkoll għall-koppji żgħażagħ li qed jippreparaw għaż-żwieġ. Aħna bħala komunità Nisranija nkomplu nħabbru ż-żwieġ kif ħalqu Alla: rabta dejjiema bejn raġel wieħed u mara waħda, miftuħa għad-don tal-ħajja. Li aħna nilqgħu lil dawk ħutna li fil-ħajja affettiva jagħmlu għażliet differenti ma jħassar xejn

mis-sbuħija tal-Evanġelju li kien mill-bidu, l-Evanġelju tal-Ferħ tal-Imħabba bejn ir-raġel u l-mara.



## FESTA TAL-ĦNIENA DIVINA
### IL-ĦADD, 23 TA' APRIL 2017
### Ġesù, Jiena Nafda Fik.

Ġesù kien qal lill-Santa Fawstina Kowalska: "Jiena nixtieq li l-Festa tal-Ħniena Divina tkun iċċelebrata b'Solennità kbira fl-Ewwel Ħadd ta' wara l-Għid... Dawk kollha li jxerrdu l-qima lejn il-Ħniena Tiegħi. Jien inħarishom tul ħajjithom kollha bħalma omm ħanina tħares lit-tfal tagħha, u fis-siegħa ta' mewthom ma nkunx imħallef għalihom iżda s-Salvatur Ħanin…"( mid- Djarju ta' Santa Fawstina Kowalska.)

## *Naħli jew Nuża?*

Attività organizzata mill-Azzjoni Kattolika
li tinkludi
Diskors Attwali u Diskussjoni

**Sala tal-Ministeru għal Għawdex**
**Il-Ġimgħa, 21 t'April 2017**
**mis-6.00pm sas-7.30pm**

KULHADD HUWA MISTIEDEN.

## Ġabra b'risq il-Fondazzjoni Arka
**Ħadd il-Ħniena Divina**

Il-ġabra ssir fil-quddies tas-Sibt u l-Ħadd,
**22 u 23 ta' April 2017.**

## L-54 KUNGRESS DJOĊESAN
## TAX-XIRKA tal-ISEM IMQADDES TA' ALLA
**Il-Ħadd 30 ta' April 2017 - Parroċċa taż-Żebbuġ**

***"KEMM HU KBIR ISMEK FL-ART KOLLHA (Salm 8)"***

Il-Korteo jitlaq fil-4.30.pm minn quddiem il-każin tal-Banda sal-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.
Jippresidi l-E. T. Mons Isqof Mario Grech.

## Jum il-Vokazzjonijiet
**Il-Ħadd 7 ta' Mejju 2017**

Inħeġġu biex isir talb għal dan il-għan fil-komunitajiet, fil-gruppi u fil-familji tagħna, filwaqt li niftakru fis-Seminaristi tagħna u fil-kandidati kollha għas-Saċerdozju l-Ħajja Kkonsagrati.

| | |
|---|---|
| 1.Is-Sibt | Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika (4.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Ħamet (Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **2. Il-Ħadd** | **Il-Ħames Ħadd tar-Randan. / Via Sagra Djoċesana fuq l-Għolja ta' Għammar fl-4.00pm.**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria: 5.30pm u fit-8.00pm). |
| **3 - 7** | Eżerċizzi għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II, Victoria fit-8.00pm). |
| 4. It-Tlieta | San Sidor ta' Sevilla, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Laqgħa għall-Għalliema Yr. 1 (S.F) |
| 5. L- Erbgħa | San Vinċenz Ferrer. Tifkira.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. / Laqgħa għall-Għalliema Yr.2 (SF). |
| 6.Il-Ħamis | Ġurnata adorazzjoni b'talb għall-vokazzjonijiet Seminarju, Victoria mis-7.30am- 800pm.<br>Laqgħa Għalliema Yr. 3 (S.F).<br>Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta).<br>Adorazzjoni b'riflessjonijiet fuq il-kitbiet ta' Dun Mikiel Attard (Seminarju - 7-8pm). |
| 7. Il-Ġimgħa | L-Imqaddsa Verġni Marija tad-Duluri. Festa tad-devozzjoni.<br>San Ġwann Battista de la Salle, Presbiteru. Tifkira. Patrun tal-Għalliema.<br>Jum Dinji tas-Saħħa(ĠM). / L-ewwel Gimgħa tax-Xahar. Tqarbina riparatriċi<br>Quddiesa għall-Professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.30pm). |
| 8. Is-Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku filKnisja ta' San Franġisk, Victoria (Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **9. Il-Ħadd** | **Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej. / Jum iż-Żgħażagħ.**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria: 5.30pm u fit-8.00pm). |
| 10. It-Tnejn | It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa.<br>Ċelebrazzjoni Penitenzjali għas-Saċerdoti (Knisja ta' Ħamet – 8.00pm). |
| 11.It-Tlieta | It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa. / **Jum is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.** |
| 12. L-Erbgħa | L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa. |
| **13. Il-Ħamis** | **Ħamis ix-Xirka.**<br>Quddiesa tal-Griżma u Tiġdid tal-Wegħdiet Saċerdotali (Katidral fid-9.00am).<br>Ikla għas-Saċerdoti (Seminarju).<br>Filgħaxija Ċelebrazzjoni tat-Tifkira Solenni tat-Twaqqif tal-Ewkaristija. |
| **14. Il-Ġimgħa** | **Il-Ġimgħa l-Kbira. Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej .** (Jum ta' Sawm u Astinenza).<br>Viżti lis-7 Knejjes għar-Residenti Barranin (Leġjun ta' Marija) |
| **15. Is-Sibt** | **Is-Sibt Imqaddes il-Għid. Filgħaxija ssir il-Velja l-Kbira tal-Għid.**<br>Is-Siegħa tal-Omm: Ċelebrazzjoni Marjana (Santwarju Ta' Pinu – 9.00am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, in-Nadur: l-adorazzjoni tibda fl-10.30pm – u Quddiesa f'nofsillejl). |
| **16. Il-Ħadd** | **Ħadd il-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet.**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria: 5.30pm u fit-8.00pm). |
| **17-23** | **Ottava tal-Għid. / Jibda t-tberik tal-Familji.** |
| 19. L-Erbgħa | Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawl II, Victoria, fis-7.30pm). |
| 20. Il-Ħamis | Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 21. Il-Ġimgħa | Seminar għan-Nisa (Sala tal-Ministeru għal Għawdex – 6.00pm- 7.30pm.<br>Laqgħa għall-Persuni Separati(Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II – 8.00pm). |
| 22. Is-Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati (Parroċċa tal-Fontana - 7.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku Knisja ta' Savina, ir-Rabat – Quddiesa fit- 8.30pm . |
| **23. Il-Ħadd** | **It-Tieni Ħadd tal-Għid jew il-Ħadd tal-Ħniena Divina.**<br>**Ġabra Djoċesana b'risq Dar l-Arka.**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria: 5.30pm u fit-8.00pm). |
| 24. It-Tnejn | San Ġorġ Martri, Patrun tal-Belt Vittorja u Prottetur tal-Għawdxin. (Trasferita.) |
| 25. It-Tlieta | San Mark, Evanġelista. Festa.<br>AKSK (Seminarju). |
| 26. L-Erbgħa | Il-Verġni Marija Omm tal-Parir it-Tajjeb. Tifkira.<br>KKSK (Seminarju). |
| 27. Il-Ħamis | San Pietru Kanisju, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Laqgħa għall-Għalliema Yr. 4 (LV). |
| 28.Il-Ġimgħa | Santa Ġanna Beretta Molla, Omm tal-Familja. Tifkira (O).<br>Jittellgħu l-Poloz għall-Form 1 (Sem/Kons. Sek).<br>Seminar tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwann Pawlu II, Victoria).<br>Ċelebrazzjoni Djoċesana għall-Istudenti kollha tal-Griżma (San Lawrenz). |
| 29. Is-Sibt | Santa Katerina ta' Siena, Verġni u Duttur tal-Knisja u Patruna tal-Ewropa. Festa.<br>Ċelebrazzjoni tal-Għid mal-Adoloxxenti (A.K).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **30. Il-Ħadd** | **It-Tielet Ħadd tal-Għid. / Tiftaħ il-Ġimgħa ta' Talb għall-Vokazzjonijiet.**<br>Il-54 Kungress Djoċesan tal-Isem Imqaddes ta' Alla (Parroċċa Żebbuġ, Għawdex: fl-430pm Korteo mill-Każin tal-Banda għall-Knisja Parrokkjali). |